

Brussell, 5 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

8955/23

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0366(COD)**

---

**CODEC 774  
ENV 453  
CLIMA 228  
FORETS 48  
AGRI 229  
RELEX 536**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (**I-ewwel qari**)  
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fis-17 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta<sup>1</sup> tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Frar 2022<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fid-19 ta' April 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>3</sup>.

---

<sup>1</sup> Id-dokumenti 14151/21 + ADD 1 sa 7.

<sup>2</sup> ĠU C 275, 18.7.2022, p. 88.

<sup>3</sup> Id-dokument 8366/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 82/22, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Bulgarija, il-Latvja u l-Finlandja jastjenu.
6. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara l-iffirmar mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---